**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 351/23 AL

A B C

vs

Dr. Joseph Brincat a 1-P.L Peter Paul Sammut li gew mahtura b'digriet tat-8 ta' Novembru 2023 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill- assenti D E

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-esponenti hu mizzewweg lil D E li ma tirrisjedix gewwa Malta u lanqas ma toqghod pajjiz gewwa l-Unjoni Ewropea izda tghix gewwa l-Ghana, l-Afrika u ghalhekk jehtiegu li jinhatru kuraturi deputatu sabiex jirraprezentawha.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie ccelebrat nhar l-erbgha ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (04/03/2016) gewwa Kumasi, Metropolitan Assembly, il-Ghana, certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok GBP1.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-bidu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) cioe aktar minn tlett snin u b'hekk m'hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ladarba llum il-gurnata jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Filfatt, l-esponenti ilu jghix gewwa xtutna mill-2018 u l-intimata tghix gewwa l-Ghana l-Afrika u qatt ma resqet lejn xtutna.

5. Illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-kontendenti stante illi l-attur minn jeddu jghaddi s-somma ta' sitt mitt sterlina (£600) fix-xahar lill-intimata sabiex jghinha finanzjarjament allavolja din tahdem fuq bazi full-time u allavolja m'hemmx ordni minn Qorti jew Tribunal li ordna lill-attur ihallas tali somma ta' manteniment.

6. Illi l-attur m'ghandux intenzjoni li jieqaf jghaddilha l-manteniment fl-ammont fuq indikat u cioe ta' sitt mitt sterlina (£600) fix-xahar.

7. Illi r-rikorrenti ilu jghix gewwa Malta dawn l-ahhar erba snin u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri.

8. Illi sabiex ir-rikorrenti jissustanzja dan ir-rikors qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu u l- affidavit ta' Barbara Day immarkati bhala DokGBP2 u DokGBP3 rispettivament kif ukoll kopja ta' estenzjoni ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat is-6 ta' Mejju 2020 annessa u mmarkata bhala DokGBP4 sabiex jissustanzja l-prova illi ilu jghix ġewwa Malta minghajr l-intimata ghal dawn l-ahhar tlett snin;

9. Illi dawn il-fatti fuq esposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXV tal-2021.

10. Illi l-avukat difensur tar-rikorrenti sottofirmata qeghdha tannetti nota ai termini tal-artikolu 66G tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tikkonferma li osservat il-htigijiet tal-istess artikolu.

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieġ bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat nhar l-erbgha ta' Marzu tas- sena elfejn u hamsa (04/03/2005) gewwa Kumasi, Metropolitan Assembly, il-Ghana.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew:

Illi huma mhux edotti mill-fatti u għalhekk iridu joqgħodu fuq ir-rikors li hemm u anke l-affidavit tal-istess rikorrenti.

1. Illi ma jirriżultax li b'xi mod il-partijiet kienu stabbilew id-domicilju taż- żwieġ tagħhom hawn Malta. Dan joħroġ car ukoll mill-fatt li waqt li r- rikorrenti għandu l-karta tal-identita Maltija, il-konvenuta baqgħet bin-numru tal-passaport tagħha tal-Ghana. Ma jirriżultax illi għalhekk ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-

partijiet għaliex qatt ma għażlu Malta bħala d-domicilju taż-żwieġ tagħhom. Dak li jirriżulta anzi huwa li l-intimata baqgħet dejjem f'pajjiżha u r- rikorrenti jibgħatilha l-flus għal tfal li lanqas huma tiegħu.

F'dan il-kwadru għalhekk l-esponenti ma jistgħux jopponu għal talbiet magħmula li l-qorti tivverifika l-istess. Fl-istess waqt li għalkemm l-attur rikorrenti jgħid li huwa ma jridx li jittermina l- komunjoni tal-akkwisti dan għandu jiġi evitat li l-qorti tippronċja ruħha fuq l-istess li se tibqa' l-komunjoni dan għar-raġuni li jekk kif hemm indikat li huwa diga għandu sieħba u jekk jiżżewigha hawn Malta mbagħad tibda l-komunjoni tal-akkwisti, jekk isir dan ikun hemm kumplikazzjonijiet legali mhux hazin li żewġ nisa jkollhom fl-istess waqt il-komunjoni tal-akkwisti għaddejja minħabba ż-żwieġ tagħhom. Għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi eskluża.

L-esponenti jirrimettu ruhhom ghax-xhieda li jġibu l-istess atturi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Novembru 2023;

Rat illi r-rikorrenti pprova li ilu residenti ġewwa Malta ghal dawn l-ahhar erba` snin u illi qiegħed jikri post hawn Malta;

Semgħet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jiddikjara illi r-rikorrenti m'ghamel l-ebda talba sabiex tiġi xolta l-komunjoni tal-Akkwisti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elfejn u ghoxrin (2020);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi

zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.